On Thursday, 5th July, 2012 between 8.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Hompesch, is-Sur, l-14 ta' Diċembru, San Xmun, il-Merħba, is-Summiena, Mahatma Gandhi, Giacomo Matteotti, Pjazza Redent Gauci, Martin Luther King and San Tumas.

On Friday, 6th July, 2012 between 7.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: il-Karmelitani, Hompesch, il-Kampanella, is-Sur, Blondell, Bormla, Wistin Levanzin, Gallu, Sant'Antnin, Klerku, il-Karmnu and il-Kitba.

On Saturday, 7th July, 2012 between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m. and 10.00 p.m. and 10.30 p.m. through Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

On Saturday, 7th July, 2012 between 1.00 p.m. and midnight through Triq Hompesch.

On Saturday, 7th July, 2012 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: Wesgħa Reggie Miller, il-Karmelitani, Hompesch and Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa.

On Sunday, 8th July, 2012 between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m. and 5.00 p.m. and 10.00 p.m. through Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

On Sunday, 8th July, 2012 between 10.00 a.m. and 3.00 p.m. through the following streets: Hompesch, il-Karmnu, l-Iskola, San Ġwann, San Tumas, Valperga and il-Karmelitani.

On Sunday, 8th July, 2012 between 1.00 p.m. and midnight through the following streets: Hompesch, Ħaż-Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, il-Kitba, il-Karmnu, l-Iskola, Sant'Antnin, is-Sur, Valperga, Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa and il-Karmelitani.

15th June, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 34 tal-2012

Avveniment ta' Għawm f'San Pawl il-Baħar

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf illi l-Birkirkara St Joseph Sports Club se jorganizza tellieqa bl-għawm nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Ġunju, 2012 fl-inħawi tax-Xama f'San pawl il-Baħar skont iċ-*chart* li wieħed jista' jara fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/). It-tellieqa se ssir bejn is-6.30 p.m. u t-8.00 p.m. ħin lokali.

L-għawwiema li se jieħdu sehem jkunu akkumpanjati minn *canoes*.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, ibaħħru l'bogħod mill-inħawi matul id-data u l-ħin stipulati, u jżommu 'l bogħod mill-għawwiema. Għandhom jobdu xi struzzjonijiet mogħtija mill-Valletta VTS (Valletta Port Control).

Charts affettwati: BA 211B, 2537 u 2538.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 35 tal-2012

Wirja ta' Logħob tan-Nar minn Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema, Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf illi se ssir wirja ta' logħob tan-nar li se jinħaraq minn fuq ix-xatt ta' Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema, ċentrat fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35º 54'.319	14º 30'.321

Din il-pożizzjoni tidher fiċ-*chart*. Il-wirjiet tal-logħob tan-nar se jsiru fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Il-Ġimgħa, id-29 ta' Ġunju, 2012 fid-9.00 a.m., f'nofsinhar u fit-8.00 p.m.

Is-Sibt, it-30 ta' Ġunju, 2012 fit-8.00 a.m., f'nofsinhar, u bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m.

Il-Ħadd, l-1 ta' Lulju, 2012 fl-10.00 a.m., f'nofsinhar, u bejn is-6.45 p.m. u l-10.30 p.m.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 34 of 2012

Swimming Event St Paul's Bay

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the Birkirkara St Joseph Sports Club will be organising a swimming race on Wednesday, 20th June 2012 at tax-Xama area in St Paul's Bay, as per chart which can be seen on the Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/). The race will be held between 6.30 p.m. and 8.00 p.m. local time.

Canoes will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate well clear of the area during the stipulated date and time, giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta VTS (Valletta Port Control).

Charts affected: BA 211B, 2537 and 2538.

15th June, 2012

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 35 of 2012

Fireworks Display from Manoel Island in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that fireworks will be let off from the foreshore of Manoel Island in Sliema Creek, centered in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 54'.319	14º 30'.321

This position is shown on chart. The fireworks displays will take place on the following dates and times:

Friday, 29th June 2012 at 9.00 a.m., noon and 8.00 p.m.

Saturday, 30th June 2012 at 8.00 a.m., noon, and between 6.00 p.m. and 11.30 p.m.

Sunday, 1st July 2012 at 10.00 a.m., noon, and between 6.45 p.m. and 10.30 p.m.

Fejn mhux indikat, it-tul tal-wirja tal-logħob tan-nar se tkun ta' 20 minuta.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma infurmati illi tbaħħir sa 200 metru mill-pożizzjoni msemmija hawn fuq fil-Port ta' Marsamxett huwa pprojbit fil-ħin tal-wirjiet tal-murtali. L-inġenji kollha rmiġġati fl-inħawi indikati (kif muri fiċ-*chart*) għandhom jitneħħew fid-dati u l-ħinijiet indikati tal-wirjiet tal-murtali.

Il-baħħara għandhom jobdu direttivi mogħtija mill-Valletta VTS (Valletta Port Control) u mill-Pulizija fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177.

Wieħed jista' jara ċ-chart fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/)

Il-15 ta' Ġunju, 2012

Where not indicated, the duration of the fireworks display will be of 20 minutes.

In view of the above, mariners are informed that navigation within 200 meters from the above position in Marsamxett Harbour will be prohibited during the time of fireworks. All craft moored within the indicated area (as shown on chart) are to be removed on the above-mentioned dates and times of the fireworks displays.

Mariners are to obey directives issued by the Valletta VTS(Valletta Port Control) and by Police in the area.

Chart Affected: BA 177

Chart can be seen on the Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/).

15th June, 2012

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tixtieq tingaġġa b'kuntratt persuni biex jagħtu taħriġ tal-inizjattiva MCA's Community Leader.

L-inizjattiva għanda l-għan li tidentifika u tiżviluppa *leaders* fil-komunità mis-soċjetà ċivili li r-rwol tagħhom ikun li jipprovdu għajnuna bilaterali lill-persuni anzjani li jsibu diffukultà jużaw ICTs. Min jintgħażel taħt din is-sejħa se jifforma parti minn tim żgħir responsabbli mit-taħriġ ta' dawn il-leaders fil-komunità.

Ħtiġiet

Applikanti għandu jkollhom *Degree* fl-Edukazzjoni. Kandidati li jkollhom esperjenza fit-tagħlim, partikolrment mal-anzjani, jingħataw preferenza.

Applikanti jidħlu f'kuntratt dirett mal-MCA u jkunu mħallsa bir-rata ta' €12 fis-siegħa.

Applikanti interessati huma mitluba jissottomettu *Curriculum Vitae* lil (info@mca.org.mt) flimkien ma' *covering letter* mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, il-25 ta' Lulju, 2012. Applikanti għandhom jgħidu kemm ikunu jistgħu jagħtu dan it-taħriġ fil-perijodi tas-Sajf jew tax-Xitwa.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi wieħed iċempel fuq 21 255495.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

The Malta Communications Authority would like to contract individuals to deliver the training component of the MCA's Community Leader initiative.

The initiative aims to identify and develop community leaders from civil society whose role will be to provide one-to-one support to elderly individuals finding difficulty using ICTs. Selected individuals under this call will form part of a small team responsible for the training of these community leaders.

Requirements

Applicants must have a Degree in Education. Candidates having teaching experience, particularly with adults, will be given preference.

Applicants will be contracted directly by the MCA and will be remunerated at a rate of €12 per hour.

Interested applicants are invited to submit their Curriculum Vitae to (info@mca.org.mt) together with a covering letter by not later than noon on Wednesday, 25th July 2012. Applicants must provide information on their availability to deliver this training during the Summer and Winter periods.

Further information can be obtained by calling 21 255495.

15th June, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Kap ta' Skola biex iservi f'Għawdex fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand edukaturi eliġibbli li għandhom is-servizz u l-esperjenza meħtieġa fi skola liċenzjata għall-post ta' Kap ta' Skola biex iservi f'Għawdex fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku: (www.education.gov.mt/education_act.aspx).

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

4. Il-post ta' Kap ta' Skola fl-2012, għandu salarju ta' €20,654 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' €596.33 kull sena għal massimu ta' €24,232 (Skala ta' Salarju 6) flimkien mal-*allowances* applikabbli.

5. Il-post ta' Kap ta' Skola jagħmel parti mit-tim nazzjonali tal-edukazzjoni li jirrikjedi strateġija maniġerjali tal-ogħla livell.

6. Il-funzjonijiet, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' dan il-post jinkludu dan li ġej:

Għanijiet Ewlenin

Provvediment ta' tmexxija professjonali u assigurazzjoni fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-kurrikulu minimu nazzjonali;

Assigurazzjoni tal-impenn sħiħ, ta' skola sħiħa, għall-filosofija kurrikulari, valuri u oġġettivi permezz ta' tim skolastiku effettiv, ta' kommunikazzjoni u ta' attitudni kollaborattiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Tmexxija 'l quddiem tal-edukazzjoni ħolistika ta' kull student fl-iskola;

Organizzazzjoni, immaniġġar u kontroll b'mod effiċjenti u effettiv tar-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji tal-iskola;

Parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-Kulleġġ u kollaborazzjoni ma' Kapijiet oħra b'mod li jilħaq l-ogħla livell ta' *networking* taħt it-tmexxija tal-Prinċipal tal-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Head of School in the Directorate for Educational Services to Serve in Gozo

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from qualified, eligible educators with the requested experience in a licensed school for the post of Head of School in the Directorate for Educational Services (DES) to serve in Gozo.

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (www.education.gov.mt/education_act.aspx).

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

4. The salary for the post of Head of School in 2012 is €20,654 per annum rising by annual increments of €596.33 per annum to a maximum of €24,232 (Salary Scale 6) and the applicable allowances.

5. The post of Head of School belongs to the ranks of the national education team which implies the adoption of a high management mindset and approach.

6. The functions, roles and responsibilities of this post include the following:

Overall Purpose

To provide professional leadership and to ensure the implementation and the development of the National Curriculum Framework;

To secure whole-school commitment to the curricular philosophy, values and objectives through the effective school team building, communication and collaborative approach to decision-making;

To promote and further the holistic education of each student in the school;

To organise, manage and control efficiently and effectively the human, physical and financial resources of the school;

To participate in the meetings of the College Council of Heads and to collaborate with other Heads of School in a manner that maximises networking under the leadership

Kulleġġ u skont id-direzzjoni u l-linji gwida stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti;

Parteċipazzjoni fit-tifsil, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jagħmlu użu mill-fondi ta' UE għal sħubija ma' skejjel Ewropej;

Twettiq ta' dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Jissawwru, b'kollaborazzjoni mat-tim skolastiku, l-għanijiet tal-iskola, l-objettivi u *policies* konformi mal-Att dwar l-Edukazzjoni, avviżi legali relatati, id-direttivi u r-regolamenti tal-Awtoritajiet Edukattivi u li jitmexxa t-tim tal-iskola kif xieraq;

Bini ta' tim parteċipattiv u ta' proċess kolleġġjali li jwassal għat-tiswir u reviżjoni kontinwa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola;

Jinbena u jinżamm mezz effettiv u miftuħ ta' komunikazzjoni fi ħdan il-komunità skolastika, ma' skejjel oħra fl-istess Kulleġġ, mal-Bord u l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, mal-uffiċjali tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* Edukattivi (DKSE) u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) kif ukoll il-komunità tal-lokal u aġenziji oħra esterni;

Jitmexxa l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet mal-kurrikulu u attivitajiet oħrajn matul is-sena flimkien ma' doveri oħra konnessi mal-Kunsill tal-Iskola skont il-liġijiet li jkunu fis-seħħ;

Jinżamm aġġornat servizz ta' żvilupp professjonali kontinwu fil-qasam edukattiv u ta' tmexxija amministrattiva u ta' *management* u jitrawwem ir-rwol ta' *mentor*;

Tiġi żgurata l-ordni u d-dixxiplina, tingħata l-għajnuna fis-soluzzjoni ta' konflitti, u titmexxa 'l quddiem ir-relazzjoni bnina bejn l-istudenti, l-*istaff* u l-ġenituri;

Tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' proċeduri stabbiliti ta' dixxiplina;

Jiġi żgurat li l-parteċipanti fin-*networks* jikkommunikaw bla formalità żejda iżda b'mod strutturat;

Jiġi żgurat li l-*policies* kollha jiġu fis-seħħ b'mod effettiv;

Tiġi żgurata s-sistema ta' kura effettiva pastorali għall-istudent;

Jiġi żgurat li t-Tim ta' Tmexxija jkun regolarment assenjat oqsma ta' ffukar għall-aħjar implimentazzjoni tal-*policies* tal-iskola u l-pjan ta' żvilupp;

Issir superviżjoni tal-kwalità akkademika u pedagoġika tat-tagħlim.

Żvilupp Kurrikulari

Flimkien mat-Tim ta' Tmexxija u l-għalliema u b'konsultazzjoni mal-uffiċjali konċernati tad-DKSE u tad-

of the College Principal and according to the direction and guidelines established by the competent authorities;

To participate in the design, formulation and implementation of projects that tap EU funding and establish partnerships with other schools in Europe;

To carry out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Main Responsibilities

To formulate, in a collaborative manner with the school team the school aims, objectives and policies in conformity with the Education Act and related legal notices and the directives and regulations of the Education Authorities and to lead the school team accordingly;

To facilitate a participatory team building and collegial process leading to the formulation and on-going review of the School Development Plan;

To build and maintain an effective and open channel of communication within the school community, with other schools in the College, with the College Board and its administration, with officials of the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) and the DES, the local community and other external agencies;

To direct the planning, organisation and co-ordination of curricular and other related initiatives and activities throughout the year and performing duties connected with the School Council in accordance with current legislation;

To keep abreast with on-going professional development in educational and administrative leadership and management and nurture the role of mentors;

To ensure order and discipline, help to resolve conflicts, and promote healthy relationships between students, staff and parents/guardians;

To ensure the timely implementation of established disciplinary procedures;

To ensure that network participants can communicate in an informal but well-structured manner;

To ensure that all policies are being carried out effectively;

To ensure the maintenance of an effective pastoral care system for students;

To ensure that members of the Senior Management Team are regularly assigned focus areas for the better implementation of the school policies and development plan;

To supervise the academic and pedagogical quality of teaching and learning.

Curriculum Development

Together with the Senior Management Team and teachers and in consultation with the relevant personnel in the DQSE

DSE, skont il-każ, jiġu deċiżi strateġiji għall-implimentazzjoni effettiva tal-Kurrikulu Nazzjonali li jinkludu strateġiji tat-tagħlim, l-użu ta' riżorsi u servizzi edukattivi, l-għażla ta' kotba, eċċ.;

Jinġiebu fis-seħħ mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jżommu *standards* għolja ta' tagħlim fl-iskejjel;

Jitmexxa 'l quddiem kurrikulu aktar għani permezz ta' attivitajiet organizzati sew ġewwa kif ukoll barra l-iskola;

Jiġi żgurat li l-kurrikulu jinkludi attivitajiet ħolistiċi ta' tagħlim li jħaddnu d-diversi talenti u modi ta' tagħlim, abbiltajiet u potenzjali tal-istudenti kollha fl-iskola, u li jagħmlu użu sew mir-riżorsi tal-komunità tal-lokal kif ukoll dawk ta' organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

Jiġu mmotivati u ssapportjati kull kategorija ta' *staff* bil-għan li jitmexxew 'l quddiem l-opportunitajiet ta' edukazzjoni tul il-ħajja, inkluż żvilupp u promozzjoni fil-karriera.

Faċilitajiet għall-Istudent

Jiġi ffaċilitat provvediment effettiv tas-servizzi psiko-soċjali u ta' kura pastorali għall-istudent;

Tinġieb fis-seħħ *referal policy* effettiva u proċeduri għall-istudenti li jeħtieġu servizzi speċjalizzati;

Jiġu żviluppati u sostnuti proċeduri li jiffaċilitaw it-transizzjoni tal-istudent lejn u għall-iskola;

Titmexxa 'l quddiem *policy* ta' skola inklussiva;

Jitrawwem ambjent ta' sigurtà fl-iskola;

Titmexxa 'l quddiem politika effettiva ta' parteċipazzjoni tal-istudent.

Personal Edukattiv

Jitrawwem u jissaħħaħ l-iżvilupp tat-tim professjonali tal-iskola li jwassal għall-parteċipazzjoni attiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet, għal azzjoni sussegwenti f'waqtha u jitħeffa l-eżerċizzju ta' awto evalwazzjoni tal-iskola;

Tingħata l-opportunità lill-assistenti kapijiet f'diversi rwoli u xogħol ta' tmexxija; titmexxa l-*induction* ta' *staff* ġdid u jiġu xprunati, mwieżna, żviluppati, monitorjati, evalwati u jingħata *mentoring* lill-i*staff* professjonali u *staff* ieħor;

Tigwida l-proċessi tal-immaniġġjar, li jinkludi l-*Performance Management Programme*, sabiex ikunu żgurati l-kwalità u l-*istandards* akkademiċi u pedagoġiċi tat-tagħlim;

Isir *mentoring* u jamministraw personal ieħor li jappartjeni lill-iskola sew fuq bażi permanenti kif ukoll temporanju, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' motivazzjoni u kwalità tas-servizz;

Tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi u l-inizjattivi tal-iskola.

and DES, as appropriate, to determine strategies for the effective implementation of the National Curriculum, such as teaching and learning strategies, the use of educational resources and services, the selection of textbooks, etc;

To implement quality assurance mechanisms that maintain high standards of teaching and learning in the school;

To promote the enrichment of the curriculum through activities organised within and outside school;

To ensure that the curriculum includes holistic learning activities that take into account the diverse talents and learning modes, abilities and potential of all students in the school, and into the resources of the local community as well as those of national, European and international organisations;

To motivate and support all categories of staff with the objective of pursuing lifelong learning opportunities, including career development and progression.

Student Matters

To facilitate the provision of effective psycho-social services and the effective delivery of pastoral care services for students;

To implement an effective referral policy and procedures for students requiring specialised services;

To develop and sustain procedures to facilitate the transition of students coming to and leaving school;

To promote an inclusive school policy;

To facilitate and nurture a safe school environment;

To promote an effective student participation policy.

Teaching Personnel

To nurture the development and maintenance of the professional school team leading to active participation in decision-making, and take timely follow-up action and facilitate school self-evaluation exercises;

To expose the Assistant Heads to the various roles and tasks of headship; directing the induction of new staff and motivating, supporting, developing, monitoring, acting as mentor, and appraising professional and non-professional staff;

To guide management processes, including Performance Management Programmes, to ensure academic and pedagogical quality assurance and standards of teaching and learning;

To manage and mentor other personnel attached to the school on a permanent or temporary basis in order to ensure a high level of motivation and of quality service;

Ensuring that the gender perspective is integrated in school programmes and initiatives.

Rabta bejn id-Dar, l-Iskola u l-Komunità

Jinħolqu u jitmexxew 'l quddiem kuntatti mal-komunità tal-lokal u l-organizzazzjonijiet tagħha;

Jitmexxa 'l quddiem l-involviment bikri tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv ta' wliedhom, filwaqt li tingħata direzzjoni ċara lill-i*staff* li tinkuraġġihom biex ifittxu modi effettivi sabiex ikattru l-involviment tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv u fl-attivitajiet kurrikulari tal-istudenti;

Il-ġenituri/tuturi jiġu mħeġġa sabiex jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jwasslu għal żvilupp personali filwaqt li jippromwovu l-involviment tagħhom fil-ħajja komunitarja tal-iskola;

Il-ġenituri jiġu mħeġġa sabiex isiru aktar konxji dwar ir-responsabiltajiet tagħhom lejn il-ġid u l-benesseri ta' wliedhom u jiġi żgurat li huma josservaw bis-sħiħ ir-regolamenti tal-iskola kif ukoll dawk relatati mal-puntwalità sew fil-bidu kif ukoll fit-tmiem tal-ġurnata tal-iskola.

Amministrazzjoni

Flimkien mal-Assistenti Kapijiet, isir eżerċizzju annwali tal-klassifikazzjoni tal-iskola fejn ikun żgurat il-preparazzjoni tat-*timetables*, l-assenjar ta' klassijiet, ta' suġġetti u ta' responsabbiltajiet lill-għalliema;

Ikun żgurat li d-doveri u x-xogħol ta' għalliema assenti jkun kopert u mqassam b'mod ekwu bejn l-għalliema kollha fl-iskola;

Ikun żgurat li l-istatistika tal-iskola kif ukoll ir-*records* tal-istudenti u l-i*staff* ikunu kompilati u jinżammu aġġornati;

Ikun żgurat il-provvediment ta' sistema funzjonali tar-*records* u ta' *filing* kif ukoll is-sottomissjoni f'waqtha ta' *data* u informazzjoni rikjesta minn entitajiet regolatorji, mill-Bord tal-Kulleġġ u entitajiet oħra awtorizzati;

B'kollaborazzjoni mal-aġenziji u uffiċjali konċernati, jiġi żgurat li l-bini, il-faċilitajiet u tagħmir tal-iskola, kif ukoll l-indafa u t-tisbiħ tal-ambjent tal-iskola, ikunu miżmuma kif xieraq;

Bl-għajnuna tar-riżorsi umani disponibbli, jiġi żgurat li l-inventarji jkunu kkumpilati u miżmuma skont regolamenti preskritti u li jkun hemm maniġġar effiċjenti ta' *stores*/apparat, għamara u riżorsi materjali oħra;

Ikun żgurat li kotba, servizzi u ħtiġijiet tal-iskola jkunu ordnati f'waqthom;

Ikun żgurat trasport tal-iskola adekwat billi tingħata l-informazzjoni meħtieġa;

Ikun hemm parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola.

Finanzi

Bl-għajnuna ta' uffiċjali kompetenti tad-Direttorati u l-Kulleġġ jitħejjew l-estimi kapitali u rikorrenti tal-iskola fil-parametri u l-prijoritajiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti

Home-School-Community Links

To create and promote links with the local community and its organisations;

To encourage and foster early parental involvement in children's educational development; while providing staff with a clear direction, encouraging them to seek effective ways of enhancing parental involvement in students' educational development and curricular activities;

To encourage parents/guardians to engage in lifelong learning opportunities leading to personal development whilst promoting enhanced involvement in the school community life;

To encourage parents to increasingly become aware of their responsibilities towards their children's well-being and welfare and ensure that they strictly observe the school's rules and regulations, including those related to punctuality both at the beginning and at the end of the school day.

Administration

Together with the Assistant Head/s, carry out the annual school classification exercise and ensuring the preparation of timetables, assigning of classes, subjects and responsibilities to teachers;

To ensure that the duty of providing cover for absent teachers is shared equitably among all teachers in the school;

To ensure the compilation and upkeep of school statistics, as well as student and staff records;

To ensure the provision of a functional record keeping and filing system and the timely and correct submission of data and information requested by the regulatory bodies, the College Board and other authorised entities;

In collaboration with the relevant agencies and officials, to ensure the proper maintenance and servicing of the school building, facilities and equipment, as well as the cleanliness and the embellishment of the school environment;

With the assistance of available human resources, to ensure the compilation of an inventory according to prescribed regulations, as well as the efficient management of stores/apparatus, furniture and other material resources;

To ensure the timely requisition of utilities and textbooks;

To provide necessary information to ensure adequate school transport;

To take part in EU projects and other projects in accordance with SDP targets.

Finance

With the assistance of competent officials from the Directorates and College prepares the capital and recurrent school budget estimates within the parameters and priorities

u l-Bord tal-Kulleġġ waqt li jingħata s-sehem fit-tħejjija tal-pjan ta' ħidma ta' tliet snin tal-Kulleġġ;

Taħt id-direzzjoni u l-gwida tad–DSE ikun żgurat l-immaniġġar effettiv u l-kontroll tal-fondi skont regolamenti finanzjarji Governattivi stabbiliti u li jinżamm rekord tal-transazzjonijiet kollha skont il-prattika stabbilita.

7. 1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw *status* ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

set by the competent authority and the College Board, whilst contributing to the preparation of the three-year College business plans;

Under the direction and guidance of the DES, to ensure the effective management and control of funds according to established Government financial regulations and the recording of all transactions according to established practice.

7.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), ii) (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji);

d) Assistenti Kapijiet ta' Skola jew Kapijiet tad-Dipartiment (*Subject Co-ordinators*) jew *Inclusive Education Coordinators (INCOs)* jew *School Counsellors*;

e) fil-pussess ta' *Warrant* Permanenti ta' għalliem/a; u

(i) għandhom mhux anqas minn għaxar snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim u kif ukoll erba' (4) snin skolastiċi servizz fil-grad ta' Assistent Kap ta' Skola jew Kap ta' Dipartiment (*Subject Co-ordinator*) jew *Inclusive Education Coordinator (INCO)* jew *School Counsellor* fi skola liċenzjata jew istituzzjoni edukattiva stabbilita taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) jew xi liġi oħra li tirregola s-settur edukattiv f'Malta jew skola akkreditata komparabbli jew istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta kif meħtieġ mill-Awtoritajiet Edukattivi. Ċertifikati/Ittri dwar dan il-post iridu jiġu ppreżentati u jinkludu r-responsabbiltajiet, skala tas-salarju u proċess tar-reklutaġġ fil-post. Il-formola *GP 47* għall-Uffiċjali Pubbliċi hija biżżejjed; u

(ii) għandhom mill-anqas *Post-Graduate Diploma in Education* bi speċjalizzazzjoni fil-*Leadership, Administration* u *Management*, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli f'dawn l-oqsma. Applikanti li għandhom id-*Diploma in Educational Administration and Management* maħruġa mill-Università ta' Malta, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, huma kkunsidrati eliġibbli biex japplikaw għal dan il-post.

Minħabba li d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa tal-applikazzjonijiet taqa' wara t-tieni nofs tat-tielet *term*, din is-sena skolastika (2011-2012) għandha titqies bħala parti mis-snin ta' esperjenza ta' tagħlim rikjesti tal-applikant.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki

b) able to communicate in the Maltese and English languages;

c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

d) Assistant Head of School or Head of Department (Subject Co-ordinator) or Inclusive Education Coordinators (INCOs) or School Counsellor;

e) in possession of a Permanent Teacher's Warrant; and

(i) have not less than ten (10) scholastic years teaching experience in addition to four (4) scholastic years service in the grade of Assistant Head of School or Head of Department (Subject Co-ordinator) or Inclusive Education Coordinators (INCO) or School Counsellor in a licensed school, or in an educational institution established under the Education Act (Cap. 327) or any other law regulating the education sector in Malta or an accredited comparable school or educational institution duly recognised by the Education Authorities. Testimonial/s regarding this post must be provided as to show responsibilities, scale of salary, and the process of recruitment into the post. The GP 47 from public officers is sufficient testimonial; and

(ii) in possession of at least a Post-Graduate Diploma in Education with specialisation in Leadership, Administration and Management, or a recognised, appropriate and comparable qualification in these areas. Applicants in possession of the Diploma in Educational Administration and Management of the University of Malta, or a recognised, appropriate and comparable qualification, shall be considered eligible to apply for this post.

Since the closing date of this call for applications falls after the second half of the third term, this current scholastic year (2011-2012) is reckonable as part of the required applicant's years of teaching experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that

msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafu 7.1, għandhom ukoll esperjenza ta' xogħol ippruvata u rilevanti.

8. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi u l-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

9. Fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet huwa mistenni mill-Kap ta' Skola li tiżviluppa l-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji sabiex tuża b'mod effettiv it-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni skont l-eżiġenzi tal-post.

10. Kap ta' Skola jkun mgħejjun, imħeġġeġ u ggwidat permezz ta' proċess ta' *induction* u *mentoring* tul is-sena ta' prova u fi kwalunkwe żmien ieħor li l-awtorità konċernata jidhrilha xieraq. Il-parteċipazzjoni fil-proċess ta' *induction* jagħmel parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-impieg ta' Kap ta' Skola. Il-proċess ta' *induction* jista' jsir barra l-ħin tax-xogħol u ġeneralment jinfirex matul is-sena ta' prova.

11. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

12. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

13. L-applikanti jridu jipprovdu *transcripts* tal-kwalifiki. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonnoxxuti komparabbli, għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż, li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha

they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides satisfying the requisites indicated in paragraph 7.1, also have documented evidence of any relevant work experience.

8. The appointment to the grade of Head of School which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

9. In the carrying out of their duties and functions, a Head of School shall be expected to have or to develop the necessary knowledge, competences and skills to be literate in and to be able to make effective use of Information and Communication Technology, according to their post.

10. A Head of School shall be supported, encouraged and guided by a process of induction and mentoring during the period of probation and at any other time when superiors may deem necessary. Participation in an induction process shall be an integral condition of employment for a Head of School and such an induction programme may be held outside school hours. The induction process generally spans the probation year.

11. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

12. Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the DES and copied to the NCPD.

13. Applicants must provide transcripts of their qualifications. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or recognised, comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English, showing the grade obtained and the final classification. Qualifications and experience claimed

għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

14. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

15. a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

16. Bord tal-Għażla jassessja l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

17. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, b'kopja mibgħuta lil-Kap tad-Dipartiment relatat mal-vakanza eżistenti. L-oġġezzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

14. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

15. (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

16. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

17. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of the result.

18. Persuna magħżula trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adatta għall-post.

19. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-*European Curriculum Vitae Format* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_recruitmalti.pdf

http://europass.cedefop.europa.eu

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex.

20. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47)* aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jridu jintbagħtu lis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju, 2012.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax,* jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitment.mede@gov.mt) filwaqt lin-numru tal-*fax* huwa: +356 2598 2333).

22.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

22.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

18. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

19. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_recruitenglish.pdf

http://europass.cedefop.europa.eu

or obtained from the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

20. Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) on Friday, 6th July, 2012.

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraphs (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) (a) ikollhom iċ-ċertifikat ta' *Journeyman* fis-sena' ta' Ġardinar/*Horticulturist*, jew kwalifika rikonoxxuta u komparabbli;

jew

(b) persuni li jkunu ċċertifikati bħala kompetenti f'dan ix-xogħol mit-*Trade Testing Board* imwaqqaf taħt l-Att tal-Impiegi u Servizzi ta' Taħriġ, jew kwalifika rikonoxxuta u komparabbli.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għal fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

5.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra r-rekwiżiti mitluba f'paragrafu 5.1 hawn fuq:

(a) ikunu jafu jnisslu bil-biċċa, bit-tirqid u biż-żerriegħa, jiżbru, ilaqqmu, jippranjaw, jittrasplantaw u jdemmlu;

(b) ikollhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages.

(iii) (a) in possession of the Journeyman's Certificate in the calling of Gardener/Horticulturist, or a recognised comparable qualification;

or

(b) certified as competent in the trade and have been certified by a Trade Testing Board set up under the Employment and Training Services Act, or a recognised comparable qualification.

Qualifications at a higher level than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Public Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, further to the requisites in paragraph 5.1 above, also have:

(a) knowledge of propagation by cuttings, suckers and seeds, pruning, grafting, budding, transplanting and manuring;

(b) any proven relevant work experience.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal

Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġonevoli mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

7.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.3 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment ikkonċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma

Opportunities (Persons with Disability), (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.3 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and on that of the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Francesco Buonamici Street, Floriana.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section1.1.17 of the Public Service Management Code should be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to

meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lill-applikant/a biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal dan il-post.

10. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (*People Management and Support Services*), Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju, 2012.

produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9. A selected applicant will be medically examined to ascertain that s/he is fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section, People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

11. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director (People Management and Support Services), Human Resources Section, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 6th July, 2012.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email*, *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (*People Management and Support Services*), Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitment@mrra.gov.mt) filwaqt li n-numru tal-*fax* huwa + 0356 2292 7878.

13.(a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur (*People Management and Support Services*), Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

13. (b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur (*People Management and Support Services*), Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

MINISTERU TAL-INTERN

Riżultat tal-Intervisti għall-Postijiet fil-Ministeru tal-Intern

Wieħed jista' jara r-riżultati tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru tal-Intern, House of Catalunya, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Il-postijiet huma dawn:

Case officer (Office of the Refugee Commissioner)

Social Worker (Correctional Services)

Probation Officer and Trainee Probation Officer (Probation and Parole)

Psychologist (Probation and Parole)

Il-15 ta' Ġunju, 2012

12. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 6th July 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (People Management and Support Services), Human Resources Section, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is recruitment@mrra.gov.mt while the fax number is +0356 2292 7878.

13.(a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, and a receipt will be given by hand at the time of delivery.

13. (b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs within seven (7) days.

15th June, 2012

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS

Result of Interviews for the Posts in the Ministry for Home Affairs

The results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Home Affairs, House of Catalunya, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Case officer (Office of the Refugee Commissioner)

Social Worker (Correctional Services)

Probation Officer and Trainee Probation Officer (Probation and Parole)

Psychologist (Probation and Parole)

15th June, 2012

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Rilaxx ta' Impjegati Pubbliċi sabiex Jaħdmu ma' Organizzazzjonijiet Volontarji

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet mill-Organizzazzjonijiet Volontarji sabiex jibbenefikaw minn skema fejn impjegati pubbliċi jistgħu jiġu rilaxxati, għall-perjodu massimu ta' tnax (12)-il xahar, u bl-għan li Organizzazzjonijiet Volontarji jtejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom sabiex jissaħħu fl-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet.

L-Organizzazzjonijiet Volontarji m'għandhomx ikunu jaħdmu għall-profitt, u d-dħul tagħhom, kapital jew propjetà ma jkunux ta' benefiċċju, direttament jew indirettament, għal xi promotur, fundatur, membru, amministratur jew benefattur (imma jistgħu jħaddmu mpjegati bi ħlas biex jilħqu l-għanijiet tagħhom).

Kriterji ta' Għażla

L-għażla skont din l-iskema hi bbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) Kemm ikun relatat mal-prijoritajiet tal-Gvern il-proġett jew l-attività li l-uffiċjal rilaxxat ikun se jwettaq. Tingħata preferenza lill-Organizzazzjonijiet Volontarji li jipprovdu servizz kumplimentari għal servizz provdut mill-Gvern. Hu fl-obbligu tal-Organizzazzjonijiet Volontarji li jikkonfermaw il-livell ta' konverġenza tal-proġett mal-prijoritajiet tal-Gvern;

(b) Il-proposta tal-Organizzazzjoni Volontarja trid telenka għanijiet ċari li jridu jintlaħqu fi żmien stipulat;

(c) L-ammont ta' assistenza (finanzjarja jew taħt xi skema oħra) mill-Gvern li l-Organizzazzjoni tkun diġà qed tirċievi. Prijorità fuq bażi tal-kriterji (a) u (b) imsemmija hawn fuq, tingħata lil dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji li ma jirċevux assistenza finanzjarja.

Kundizzjonijiet għar-Rilaxx

Impjegati pubbliċi jistgħu jiġu rilaxxati mal-Organizzazzjoni Volontarja fuq leave speċjali bi ħlas, full-time, u għal raġunijiet ta' politka pubblika; dan wara li jkunu ssottomettew l-interess tagħhom għal sejħa għall-espressjoni ta' interess maħruġa mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika sabiex ikunu rilaxxati biex jaħdmu ma' Organizzazzjoni Volontarja. Impjegat wieħed biss jista' jiġi rilaxxat ma' Organizzazzjoni Volontarja waħda, dan sabiex b'hekk il-Gvern ikun jista' jqassam l-assistenza tiegħu fuq proġetti differenti. Il-

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Release of Public Employees to Work with Voluntary Organisations (VOs)

The Office of the Prime Minister invites applications from Voluntary Organisations to benefit from the scheme whereby interested public employees may be released for a maximum period of 12 months, and for the purpose of enhancing Voluntary Organisations' administrative capacity for the improved delivery of their projects and activities.

The Voluntary Organisations must be non profit-making and their income, capital or property is not to be available, directly or indirectly, to any promoter, founder, member, administrator or donor (but they may engage salaried staff to fulfil their purpose).

Criteria for Selection

Selection under this scheme is based on the following criteria:

(a) the closeness of the link between the project or activity to which the Voluntary Organisation proposes to assign the released officer and the priorities established by Government. Priority will be given to Voluntary Organisations providing a service that is complementary to a service provided by Government and it shall be the responsibility of the Voluntary Organisation to demonstrate project alignment with Government policies;

(b) clearly defined deliverables linked to set target dates set out in the proposal submitted by the Voluntary Organisation;

(c) the amount of Government assistance (financial or in kind) which the Voluntary Organisation concerned is already receiving. Priority, subject to criteria (a) and (b) above, will be given to Voluntary Organisations that are not receiving any assistance.

Terms for Release

Following an Expression of Interest issued by the Public Administration HR Office, selected public employees may be assigned to a Voluntary Organisation on special leave with pay, on grounds of public policy, and on a full time basis. Only one employee may be assigned to any Voluntary Organisation, and this with a view to allow government to spread out its assistance to different types of projects. Government reserves the right not to assign any employee to a Voluntary Organisation even if it satisfies all the criteria,

Gvern jirriżerva d-dritt li ma jirrilaxxa l-ebda mpjegat ma' xi Organizzazzjoni Volontarja, anke jekk din tissodisfa l-kriterji kollha. Il-Gvern jirriżerva wkoll id-dritt li jagħmel limitu fuq l-ammont ta' assistenza li jagħti.

Ir-rilaxx ta' impjegati pubbliċi mal-Organizzazzjonijiet Volontarji se jkun fuq il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-perjodu tar-rilaxx ikun għal tul iż-żmien tal-proġett jew sa massimu ta' tnax (12)-il xahar (liema jkun l-inqas), bil-possibiltà ta' tiġdid;

Ir-rilaxx taħt din l-iskema jkun ikkomunikat mid-Direttorat tal-Employee Relations fi ħdan l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, b'konsultazzjoni mal-partijiet involuti, inkluż, fejn applikabbli, mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Għal dan il-għan, l-Organizzazzjonijiet qed jiġu nfurmati li dan l-uffiċċju jirriżerva d-dritt li jissorvelja jekk il-kundizzjonijiet tar-rilaxx humiex qed jiġu rispettati, kif ukoll jara l-progress li qed isir fuq il-proġett/attività li ġiet proposta. Għal dan il-għan, il-Gvern, jew persuna delegata minnu, jistgħu jagħmlu spezzjonijiet u jitolbu rapporti dwar l-attivitajiet tal-impjegat rilaxxat. Il-Gvern jirriżerva d-dritt li r-rilaxx tal-impjegat jiġi tterminat jekk it-termini miftiehma ma jiġux irrispettati, u dan billi jagħti avviż bil-miktub, ta' ħamest (5) ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Kull xahar l-Organizzazzjoni Volontarja għandha tissottometti kopji verifikati tar-rekords ta' attendenza, approvati mill-Kap tal-Organizzazzjoni, lid-Dipartiment/Direttorat jew Entità minn fejn ikun ġie rilaxxat l-impjegat.

Waqt il-perjodu ta' rilaxx, Uffiċjali Pubbliċi jibqgħu regolati mir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), filwaqt li mpjegati mas-Settur Pubbliku jkunu regolati mir-regolamenti u proċeduri ta' dixxiplina applikabbli fl-Entità li magħha jkunu impjegati; dan bla ebda preġudizzju għar-regolamenti applikabbli fl-Organizzazzjoni li magħha jkunu ġew rilaxxati.

L-impjegati rilaxxati jridu jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa u huma intitolati għal 192 siegħa vacation leave fis-sena. Fil-każ ta' għalliema, dawn ikunu intitolati għall-ekwivalenti ta' 192 siegħa *vacation leave* pro-rata maħduma fuq id-data ta' rilaxx.

Wara li jintemm il-perjodu tal-leave approvat, l-impjegat jerġa' jmur lura fid-Dipartiment/Entità minn fejn ġie rilaxxat. L-Organizzazzjoni Volontarja tista' titlob tiġdid tar-rilaxx sakemm jispiċċa l-proġett jew għal massimu ta' tnax (12)-il xahar (liema jkun l-inqas). Ir-rilaxx globali hu għal massimu ta' ħames (5) snin. It-talba għal tiġdid tintbagħat lid–Direttorat tal-Employee Relations fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) qabel l-iskadenza tar-rilaxx approvat.

Government may also set a limit on the amount of assistance granted.

The release of public employees with Voluntary Organisations is based on the following conditions:

The period of release is for the duration of the project or up to a maximum of 12 months (whichever is shortest), with the possibility of renewal.

Release under this scheme is communicated by the Employee Relations Directorate within the Public Administration HR Office, in consultation with relevant stakeholders including, where applicable, the Commissioner for Voluntary Organisations. To this effect, Voluntary Organisations are informed that this office reserves the right to monitor the released employee to ensure conformity with the terms of release, including the ongoing progress of the presented project/activity. Spot checks may be carried out and/or reports on the activities may be required by the employer or by someone delegated on Government's behalf. The employing department/entity reserves the right to withdraw the released employee, by giving a five (5) working days notice in advance, if agreed terms are not honoured.

The Voluntary Organisation is to submit verified attendance records, endorsed by the Head of the Voluntary Organisation, to the respective employing department on a monthly basis.

During the period of release Public Officers are regulated by the PSC disciplinary procedures and Public Sector Employees are regulated by the respective disciplinary procedures applicable in their employing entity for any misconduct; this without prejudice to the regulations governing the respective Voluntary Organisation.

Released employees will be expected to work a 40 hour week and will be entitled to 192 hours vacation leave yearly. In the case of teachers, the equivalent of 192 hours vacation leave entitlement will be granted pro-rata, depending on the date of release.

At the expiration of the approved leave, the released employees shall revert to their employing department/entity. The Voluntary Organisation may request a further period of release for the remaining duration of the project or for 12 months (whichever is the shortest), subject to a maximum aggregate of five (5) years. This request for a further period of leave is to be submitted to the Employee Relations Directorate within the Public Administration HR Office, not later than two (2) months prior to the expiry of the approved release.

L-Organizzazzjoni Volontarja għandha tibgħat rapport lis-Segretarju Permanenti kkonċernat dwar il-progress milħuq fir-rigward tar-riżultati tal-proġett kif oriġinarjament speċifikati. Fuq dan ir-rapport, is-Segretarju Permanenti, jirrikkmanda lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika jekk it-tiġdid tar-rilaxx għandux ikun approvat jew le.

L-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' wkoll jassenja ma' Organizzazzjonijiet Volontarji impjegati pubbliċi fuq *leave* mingħajr ħlas, għal raġunijiet ta' politka pubblika. Ir-rilaxx isir skond il-kundizzjonijiet elenkati hawn fuq.

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

1) Dikjarazzjoni, fejn applikabbli, li tistabbilixxi l-iskop/missjoni tal-Organizzazzjoni u telenka l-iskop soċjali jew ta' karità tal-Organizzazzjoni Volontarja f'konformità mal-Att dwar *Trusts* u *Trustees*;

2) Kopja tal-Istatut tal-Organizzazzjoni Volontarja. Din m'hemmx għalfejn tintbagħat jekk tinsab online, (niżżel l-indirizz *online*) jew jekk tkun diġà ntbgħatet u ma jkunx sar tibdil;

3) Proposta li turi ċar il-proġett jew attività li fuqha l-uffiċjal se jkun assenjat. Il-proposta għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-benefiċċji li se joħorġu mill-proġett/attivitajiet proposti, u għandha tingħata data preċiża sa meta l-proġett/attività trid titlesta. Il-proposta għandha turi b'mod ċar il-livell ta' konverġenza mal-prijoritajiet tal-Gvern. Jekk il-proġett/attività se ssir barra minn Malta, huwa importanti ħafna li dan jintwera ċar fuq il-proposta li tintbagħat;

4) Dikjarazzjoni li turi kull assistenza (kemm finanzjarja jew xort'oħra) u taħt kull skema, li l-Organizzazzjoni Volontarja qed tirċievi mill-Gvern;

5) Indikazzjoni ta' inizjattivi konkreti, minbarra s-servizz normali li tagħti l-Organizzazzjoni Volontarja, li tista' toffri lis-Servizz Pubbliku eż. *Lectures* bla ħlas, open days jew xi servizz ieħor.

6) Organizzazzjonijiet Sportivi għandom jinkludu dikjarazzjoni mill-Kunsill Malti għal-Isport li tikkonferma li l-Organizzazzjoni hi reġistrata mall-Kunsill, skont il-provedimenti tal-Att dwar l-Isports (Kap. 455), u li l-Organizzazzjoni tirrapreżenta attivament lil Malta f'attivitajiet sportivi.

L-applikazzjonijiet, bl-informazzjoni kollha, għandhom jintbagħtu lid-Direttur tal-*Employee Relations*, fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-

The Voluntary Organisation is required to submit a report, to the respective Permanent Secretary, on the progress achieved in relation to the project deliverables originally specified. When informing the Public Administration HR Office and recommending whether the additional period of release should be approved or otherwise, the respective Permanent Secretary is to take this report into account.

The Public Administration HR Office may also, at its discretion, assign public employees to Voluntary Organisations on leave without pay on grounds of public policy. These public officers may also be released on the basis of the above-mentioned criteria.

Submitted applications are to include the following:

1) A statement, where applicable, setting out the scope/mission of the organisation, which scope/mission should, in conformity with the Trusts & Trustees Act, portray the social/charitable purpose of the organisation.

2) A copy of the Organisation's statute. This will not be required if the statute is accessible online (indicate online address) or if there are no amendments to a previous submission.

3) A proposal detailing a clear project or activity to which the requested officer will be assigned. The proposal must also clearly define the benefits originating from the proposed project and/or activity and give target deadlines for the completion of the proposed project/activity. The proposal should clearly show the level of alignment with Government policy. If the place where the project/activity will be taking place is outside Malta, it is particularly important that this is clearly indicated in the submitted proposal.

4) A statement detailing assistance of any type (financial or otherwise) and under any scheme already being received by the organisation from Government.

5) An indication of any concrete initiatives, apart from the usual activities of the Voluntary Organisation, which the Voluntary Organisation can offer the Public Service e.g. free lectures, open days or other useful services.

6) In the case of Sport Organisations, applicant organisations are to submit a declaration by the Malta Sport Council (Kunsill Malti għall-Isport) confirming that, in accordance with the provisions of the Sports Act (Cap. 455), the Organisation is registered with the Council and that the Organisation actively represents Malta in sporting activities.

Completed applications are to be addressed to the Director, Employee Relations, Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille

Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja Il-Belt Valletta, VLT 2000. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux iktar tard mit-Tnejn, it-2 ta' Lulju, 2012.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew mhux kompluti jiġu awtomatikament rifjutati. Il-Gvern jirriżerva d-dritt li jappoġġa Organizzazzjonijiet Volontarji taħt termini u kundizzjonijiet oħra, iżda r-rilaxx taħt it-termini ta' dan l-avviż huwa esklussiv għat-termini u l-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Il-15 ta' Ġunju 2012

Valletta and received by, not later than Monday, 2nd July, 2012.

Late or incomplete applications will be automatically refused. The employer reserves the right to support organisations under other terms and conditions but release in terms of this circular is exclusive to the terms and conditions mentioned herein.

15 June 2012

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships in the Arabic Language 2012

(For Maltese citizens only)

The Tunisian Ministry of Higher Education is offering scholarships to Maltese students who wish to follow an intensive course in the Arabic language. The course is being organized by the Bourguiba School for Living Languages for the period 5th July, 2012 to 5th August, 2012 Further information is available through the Tunisian website: (http://www.iblv.rnu.tn/).

Applicants have to apply either through the Ministry of Foreign Affairs Scholarship portal www.scholarships.gov.mt, kindly note that this portal requires an e-ID certification. E-ID registration details may be obtained from: (www.mygov.mt) or alternatively application forms are available from the Ministry's own Website: (www.mfa.gov.mt). These are to be submitted to the Scholarships Section at the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta.

The deadline to submit all documentation is by not later than noon on Wednesday 20th June 2012

Successful candidates may be required to enter into a contract to serve the Government or the Private sector of Malta upon completion of the Course.

Application from Government and Parastatal employees and from the private sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Employer respectively.

Late applications will not be considered.

The board's decision will be final.

15th June, 2012

KUNSILL LOKALI IL-FGURA

Il-Kunsill Lokali Il-Fgura jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għall-permess ta' gabbani u tqegħid ta' mwejjed fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu li se ssir nhar it-8 ta' Lulju, 2012 qed jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis, il-5 ta' Lulju, 2012 f'nofsinhar. Ma jkunux proċessati applikazzjonijiet wara din id-data.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that the applications for the permit of kiosks and laying of tables on the occasion of the Feast of Our Lady of Carmel to be held on the 8th July, 2012 are being received at the Council's office by not later than Thursday, 5th July, 2012 at noon. No applications will be processed after this date.

15th June, 2012

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

Lista ta' Bejjiegħa tal-Monti Approvati

Il-lista li ġejja ta' bejjiegħa tal-monti approvati sat-30 ta' Mejju, 2012, qed tiġi ppubblikata skont l-Artikoli 12 u 16 (1) (d) tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441).

NAXXAR LOCAL COUNCIL

List of approved Market Hawkers

The following list of approved market hawkers up to 30th May, 2012, is being published hereunder, in terms of Articles 12 and 16 (1) (d) of the Trade Licences Act (Cap. 441).

Suq fil-Berah fin-Naxxar
Open-Air Market in Naxxar

Nru. tal-posta allokata *No. of allocated stall*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*
1	George Mazzitelli	403882M
2	Salvu Azzopardi	519152M
3	Anthony Attard	45267M
4	John jew Ivan Camilleri	491149M
5	Jason Gatt	351089M
6	Salvu Zammit	559542M
7	Isabel Attard	523971M
8	Joseph Sammut	13762M
9	Martin Gauci	679854M
10	Leonard Gauci	229277M
11	Vojta	
12	Frank Cortis	1017548M
13	Michael Cachia/Rita Cachia	301461M/150867M
14	Rodianne Caruana	492985M
15	Spiridone Grech	40782M
16	Mario Vella/CD Vella	551063M
17	Simon Lentini	593264M
18	Kevin Bonello	518775M
19	Lorriane Caruana/ Jonathan Caruana	28679M/160777M
20	Vojta	
21	Vojta	
22	Saviour Buttigieg/Rita Buttigieg	406158M

***Waiting List* għal Suq fil-Berah fin-Naxxar**
Waiting List for Open-Air Market in Naxxar

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Data tal-applikazzjoni *Application Date*	Nru. tal-applikazzjoni *Application No.*
Giuseppe	Ellul	462448M	13/06/2011	838/11
Joseph	Enriquez	0337584M	26/08/2011	1318/11
Antoine	Barun	50576M	24/04/2012	544/12
Caroline	Gauci	390483M	26/4/2012	560/12

Il-15 ta' Ġunju, 2012

15th June, 2012

KUNSILL LOKALI IL-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali Il-Mellieħa jgħarraf illi nhar il-Ħamis, il-21 ta' Ġunju 2012 bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. il-postijiet hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala żoni ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-ipparkjar ta' vetturi huwa pprojbit:

Triq Sant'Anna
Triq il-Parroċċa
Triq San Luqa

Kif ukoll

Misraħ il-Parroċċa (minn nofsinhar sal-11.00 p.m.)

Il-15 ta' Ġunju, 2012

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that on Thursday, 21st June 2012 between 6.00 p.m. and 9.00 p.m, the areas mentioned hereunder will be classified as tow zones and therefore the transit and parking of vehicles will be prohibited:

Triq Sant'Anna
Triq il-Parroċċa
Triq San Luqa

and

Misraħ il-Parroċċa (from noon till 11.00 p.m.)

15th June, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa jgħarraf illi t-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu magħluqin għat-traffiku fid-dati u l-ħinijiet kif indikat:-

Nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Ġunju 2012 sa nhar it-Tnejn it-2 ta' Lulju, 2012 f'nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Triq San Pawl u Triq il-Parroċċa.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

ĦAL LUQA LOCAL COUNCIL

The Ħal Luqa Local Council hereby notifies that the streets mentioned hereunder will be closed to traffic on the dates and times indicated below:-

On Wednesday, 20th June 2012 to Monday 2nd July, 2012 at noon through the following streets: Triq San Pawl and Triq il-Parroċċa.

15th June, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa jgħarraf li dawn it-toroq ser ikunu magħluqa għat-traffiku fid-dati u l-ħinijiet kif indikat:

Nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Ġunju 2012 mit-8.00 p.m. sad-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Triq Sant'Andrija, Triq San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq San Pawl u Triq id-Dokkiena.

Nhar it-Tnejn, il-25 ta' Ġunju 2012 mis-6.40 p.m. sat-7.40 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq il-Karmnu u Pjazza Sant'Andrija.

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Ġunju 2012 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq il-Karmnu u Pjazza Sant'Andrija.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Lulju 2012 mis-7.15 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Sant'Andrija, Triq il-Karmnu, Triq ir-Rixtellu, Triq San Pawl, Misraħ il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ u Triq Sant'Andrija.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

ĦAL LUQA LOCAL COUNCIL

The Ħal Luqa Local Council hereby notifies that the streets mentioned hereunder will be closed to traffic on the dates and times indicated below:

On Wednesday, 20th June 2012 from 8.00 p.m. to 9.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Triq Sant'Andrija, Triq San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq San Pawl and Triq id-Dokkiena.

On Monday, 25th June 2012 from 6.40 p.m. to 7.40 p.m. through the following streets: Triq il-Karmnu and Pjazza Sant'Andrija.

On Saturday, 30th June 2012 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Triq il-Karmnu and Pjazza Sant'Andrija.

On Sunday, 1st July 2012, from 7.15 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Sant'Andrija, Triq il-Karmnu, Triq ir-Rixtellu, Triq San Pawl, Misraħ il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ and Triq Sant'Andrija.

15th June, 2012

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi, b'referenza għall-avviżi l-ġodda li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-dati u l-ħin indikat hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Sal-10.00 a.m. il-ĦAMIS, is-26 ta' Lulju, 2012, għal:

CT/A/ 017/2012 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3040/2012. Servizzi ta' żewġ arkeoloġisti u Moniteraġġ Arkeoloġiku, Forti Sant'Anġlu, Il-Birgu – Heritage Malta. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website:* (http://www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Accelerated Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija ffinanzjata parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni – Programm Operattiv I – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

Sal-10.00 a.m. it-TLIETA, is-7 ta' Awwissu, 2012, għal:

CT 141/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3007/2012 - Provvista, installazzjoni u kkumissjunar ta' *in-vessel composter* – WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni – Programm Operattiv I – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju, 2012.

CT 142/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3008/2012. Provvista, installazjoni u kkummisjunar ta' makkinarju li jkisser u jnaddaf kontenituri tal-ħġieġ – WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €30.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni – Programm Operattiv I – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju, 2012.

Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisements will be received on the dates and time indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th July, 2012, for:

CT/A/ 017/2012 – Contracts Ref No, CT 3040/2012 Services of two archaeologists and Archaeological Monitor, Fort St Angelo, Birgu – Heritage Malta. A copy of the tender document may be downloaded from the website: (http://www.contracts.gov.mt).

This is a Services Notice under the Local Accelerated Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund – Operational Programme I – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 7th August, 2012, for:

CT 141/2012 - Contracts Ref No, CT 3007/2012 Supply, installation and commissioning of an in-vessel composter – WasteServ Malta Ltd. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund – Operational Programme I – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June, 2012.

CT 142/2010 - Contracts Ref No, CT 3008/2012. Supply, delivery, installation and commissioning of a crushing and cleaning device for glass containers – WasteServ Malta Ltd. A fee of €30.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund – Operational Programme I – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June, 2012.

A list of all current advertisements is available from the Department's website: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti: (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq: (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkommandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL 296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fin-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara 12.00 (nofsinhar). **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http://www.contracts.gov.mt).**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkommandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skont Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT/A/015/2012 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT3036/2012. Bini ta' infrastruttura għall-viżitaturi (Ċentru ta' Interpretazzjoni, eċċ), tisbiħ u xogħol ta' restawr fil-Katakombi ta' San Pawl, Ir-Rabat, Malta – Heritage Malta. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website:* (http://www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġu jiġu mtawwla sal-10.00 a.m tal-ĦAMIS, il-5 ta' Lulju, 2012.

Il-15 ta' Ġunju, 2012

Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts: (http://www.contracts.gov.mt). Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from: (http://www.contracts.gov.mt/help). The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

15th June, 2012

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN 296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 (noon). **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website: (http://www.contracts.gov.mt).**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with Parts II or XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Part of the Regulations.

15th June, 2012

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT/A/015/2012 - Contracts Ref No, CT3036/2012. Construction of visitor infrastructure (Interpretation Centre, etc) and landscaping and restoration works at the Saint Paul's Catacombs Heritage Park, Rabat, Malta – Heritage Malta. A copy of the tender document may be downloaded from the website: (http://www.contracts.gov.mt).

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Social Fund 2007-2013 – Investing in your future.

Il-kawża (Avviż Nru. 163/12KPS) hija differita għad-19 ta' Ġunju 2012 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 11 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 23rd April 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 5th March 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn King Tracey Anne (I.D. 44347A) of Marica, Flat 2, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €1,114.89 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 163/12KPS) is put off on the 19th June 2012 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1040

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Billi Sharif Al-Sadiq (K.I. Nru 317390M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 555/2012 JA) fejn talab KORREZZJONI tal-ATT TAT-TWELID tiegħu numru 3173/1990 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 11 ta' Ġunju 2012

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT – FIRST HALL

Whereas Sharif Al-Sadiq (I.D. 317390M) filed an application under oath (No. 555/2012 JA) demanding CORRECTION in his ACT OF BIRTH number 3173/1990 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 11th June 2012

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1041

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-10 ta' Mejju 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Marie Zammit vs Anthony Zammit Tabona, Rikors numru 1020/10 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Miguel Zammit Tabona, Marie Louise Mifsud u Andrew Zammit Tabona, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Marie Zammit (K.I. 37458M) vs Anthony Zammit Tabona (K.I. 372291M) fit-8 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrenti Marie Zammit, talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tgħid illi s-sehem mill-appartament numru ħamsa (5) blokk numru sitta u għoxrin (26) Macem Court, Triq Sir George Borg tas-Sliema, li kellha Agnes Zammit Tabona, fil-waqt kemm ta' mewtha fid-19 ta' Frar 1998 u meta għamlet it-testment tad-9 ta' Frar 1993 kien in-nofs (1/2) indiviż;

2. tgħid għalhekk illi s-sehem tal-appartament imħolli u b'legat minn Agnes Zammit Tabona lil oħtha Dorothy kien in-nofs (1/2) indiviż,

By means of a decree given by the Civil Court First Hall, on the 10th May 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Marie Zammit vs Anthony Zammit Tabona, Application number 1020/10 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of Miguel Zammit Tabona, Marie Louise Mifsud and Andrew Zammit Tabona, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Marie Zammit (I.D. 37458M) vs Anthony Zammit Tabona (I.D. 372291M) on the 8th October 2010, the applicant Marie Zammit, asked this Honourable Court:

1. to state that the share from the appartment number five (5) block number twenty six (26) Macem Court, Triq Sir George Borg, Sliema, which belonged to Agnes Zammit Tabona, both at the time of her death on the 19th February 1998 and when she made her will on the 9th February 1993 was one half (1/2) undivided share;

2. to state thus that the share of the appartment left by title of legacy by Agnes Zammit Tabona to her sister Dorothy was one half (1/2) undivided share;

3. tgħid għalhekk illi fil-waqt kemm ta' mewtha fit-13 ta' Mejju 2009 u meta għamlet it-testment tat-23 ta' Novembru 2009, Dorothy Zammit Tabona kienet proprjetarja tal-intier tal-appartament;

4. tikkundanna lill-konvenut bħala werriet ta' Dorothy Zammit Tabona jħallas lill-attriċi l-legat lilha mħolli mill-istess Dorothy Zammit Tabona fit-testment tat-23 ta' Novembru 2000 billi jagħtiha l-pussess materjali u legali tal-appartament numru ħamsa (5) blokk numru sitta u għoxrin (26) Macem Court, Triq Sir George Borg, Tas-Sliema, permezz ta' att pubbliku u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż.

Attriċi: Marie Zammit, Flat 3, Rockcliff, 130, Triq Cassarino, il-Qawra, San Pawl il-Baħar, SPB 1017.

Intimati: Miguel Zammit Tabona, 15, Forest Court, Mensija Street, St. Julians.

Marie Louise Mifsud, 75, Telgħet Guardamangia, Pietà. Andrew Zammit Tabona: 214/1 Southfolk Court, Swieqi Road, Swieqi.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Marie Zammit vs Anthony Zammit Tabona, rikors numru 1020 /10 AE, jinsab differit għas-smigħ għat-28 ta' Ġunju 2012, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Ġunju 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. thus to state that both at the time of her death on the 13th May 2009 and when she did her will on the 23rd November 2009, Dorothy Zammit Tabona was the owner of the whole appartment;

4. condemn the defendant as heir of Dorothy Zammit Tabona to pay the plaintiff the legacy left by the same Dorothy Zammit Tabona, in the will of the 23rd November 2000, by giving her the physical and legal possession of the appartment number five (5) block number twenty six (26) Macem Court, Triq Sir George Borg, Sliema, by means of a public deeed and uphold the other demands in the application.

With costs.

Plaintiff: Marie Zammit, Flat 3, Rockcliff, 130, Triq Cassarino, Qawra, St. Paul's Bay, SPB 1017.

Respondents: Miguel Zamit Tabona, 15, Forest Court, Mensija Street, St. Julian's.

Marie Louise Mifsud, 75, Telgħet Guardamangia, Pietà. Andrew Zammit Tabona, 214/1 Southfolk Court, Swieqi Road, Swieqi.

The Sworn Application in the names Marie Zammit vs Anthony Zammit Tabona, application number 1020/10 AE, has been put off for hearing to the 28th June 2012, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 11th June 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1042

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-6 ta' Ġunju 2012 numru 390/2012 minn Maria Francesca Portelli fejn tablet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u ta' Louis u Anthony aħwa Bartoli u dan fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed is-SUĊĊESSJONI ta' oħtha MARY HELENA BARTOLI, xebba, bint il-mejtin Emmanuele u Giuseppa xebba Calleja, imwielda u għexet Rabat, Malta u mietet Ħal Luqa fl-4 ta' Jannar, 2011 ta' 65 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 168445(M).

Kull min jidhrilu li għandu interess huw msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Art. 537(1) et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja).

Illum 11 ta' Ġunju 2012

MARCEL BUGEJA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tibunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civili Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 4th of June, 2012 number 390/2012 by Maria Francesca Portelli, whereby she prayed that it be declared open in favour of the said Maria Francesca Portelli, Louis and Anthony, brothers and sister Bartoli in quota of one third (1/3) undivided share each the SUCCESSION of MARY HELEN BARTOLI, spinster, daughter of the late Emmanuele and late Giuseppa neé Calleja, born and lived at Rabat, Malta and died at Luqa on the 4th of January, 2011, aged 65 and was a holder of identity card number 168445(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a notes he enters hi opposition according to Article 537(1) et seq. Cap.12 of the Laws of Malta

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Tody the 11th day of June 2012

MARCEL BUGEJA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1043

B'digriet tal-10 ta' April, 2012, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikoli 187(3) u 338(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn HSBC Bank Malta plc (C 3177), fil-5 ta' Ġunju, 2012, qed tintalab tpaċija tal-atti msemmija għall-ammont ta' €97.800,00 wara il-bejgħ bl-irkant 50/2011 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Emanuel Ciantar et, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2012.

Skont l-Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 11 ta' Ġunju, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 10th April, 2012, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) and 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by Application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by HSBC Bank Malta plc (C 3177) on the 5th June, 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €97,800.00 following the judicial sale by auction 50/2011 in the names HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Emanuel Ciantar et held under the Authority of the said Court on the 31st May, 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale and alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 11th June, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1044

B'digriet tal-20 ta' Frar, 2012 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Go plc fis-16 ta' Frar, 2012 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €530.00 depożitati b'ċedola numru 1436/2011 fl-ismijiet:

Go plc C22334 vs Maria Cutajar K.I. 24236G

Il-Qorti ordnat in-notifika tal-intimata li jkollha jumejn (2) żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Ġunju, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 20th February, 2012 given by the Court of the Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Go plc on the 16th of February, 2012 is asking for the withdrawal of the amount of €530.00 deposited by the Schedule of Deposit number 1436/11 in the names of:

Go plc C22334 vs Maria Cutajar I.D. 24236G

The Court ordered the notification of this application with two (2) days notice for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 12th June, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1045

B'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2012 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn HSBC Bank Malta plc (C 3177), fil-5 ta' Ġunju, 2012, qed tintalab tpaċija tal-atti msemmija għall-ammont ta' €97.800,00 wara il-bejgħ bl-irkant 50/2011 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Emanuel Ciantar et miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2012.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 11 ta' Ġunju, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 8th June, 2012, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by Application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by HSBC Bank Malta plc (C 3177) on the 5th June, 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €97,800.00 following the judicial sale by auction 50/2011 in the names HSBC Bank Malta plc (C 3177) vs Emanuel Ciantar et held under the Authority of the said Court on the 31st May, 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale and alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 11th June, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1046

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Marzu 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba, fis-7 ta' Frar 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alexander Azzopardi (K.I. 555264M) ta' 185 Triq il-Kbira, Balzan sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €583.85 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 96/12VG2) hija differita għall-20 ta' Ġunju 2012 f'12.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 30th March 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 7th February 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Alexander Azzopardi (I.D. 555264M) of 185, Triq il-Kbira, Balzan, to pay the plaintiff company the sum of €583.85 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 96/12VG2) is put off on the 20th June 2012 at 12.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1047

B'digriet tal-4 ta' Ġunju, 2012 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Bank of Valletta plc (C2833), fl-1 ta' Ġunju, 2012, qed tintalab tpaċija tal-atti msemmija għall-ammont ta' €48,000.00 wara il-bejgħ bl-irkant 92/2011 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Alison Mckeown miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2012.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejjsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 11 ta' Ġunju, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 4th June, 2012, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by Application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Bank of Valletta plc (C2833), on the 1st June, 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €48,000.00 following the judicial sale by auction 92/2011 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Alison Mckeown, held under the Authority of the said Court on the 29th June, 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 11th June, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1048

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Marzu 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba, fis-7 ta' Frar 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sidney Alan Baldwin (K.I. 50284A) ta' Allure, Flat 2, Triq il-Malja, Qrendi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €322.40 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 87/12VG2) hija differita għall-20 ta' Ġunju 2012 f'12.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 30th March 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 7th February 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Sidney Alan Baldwin (I.D. 50284A) of Allure, Flat 2, Triq il-Malja, Qrendi, to pay the plaintiff company the sum of €322.40 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 87/12VG2) is put off on the 20th June 2012 at 12.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1049

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-2 ta' April 2012, fl-atti tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet Thomas Callus vs Wilfred Sciberras, ittra numru 3575/11, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 4 ta' Novembru 2011

Lil Wilfred Sciberras ta' 67, Triq Idmejda, Balzan.

Bil-preżenti, Thomas Callus, ta' 118, Dew Drops, Triq San Filippu, Għaxaq, detentur tal-karta tal-identità numru 208769(M) u Vittorio Portelli, fl-ewwel lok jagħmlu riferenza għall-inċident stradali li seħħ nhar id-19 ta' Frar 2011, fi Triq Ħal Far, Ħal Far, meta inti kont qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBA-096 tal-għamla Hyundai Accent.

Illi fit-tieni lok, jirriżulta illi waqt li inti kont qiegħed tagħmel manuvra ta' sewqan, bi traskuraġini, imperizia u nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti, bqajt dieħel fil-karozza tal-mittenti, bin-numruta reġistrazzjoni DAI-596 tal-għamla KIA Avella li b'konsegwenza ta' hekk ikkaġunjat l-incident in kwistjoni, għal liema inċident inti unikament responsabbli.

Illi a kawża ta' dan l-inċident il-karozza tal-mittenti garbet ħsarat ingenti u ġiet iccertifikata bħala 'total loss' kif ukoll il-mittenti Thomas Callus, sofra ġrieħi ta' natura gravi b' konsegwenza li l-mittenti għamel xi żmien rikoverat u ma setax imur għax-xogħol.

Inti għalhekk interpellat biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti u li jista' jsofri l-mittenti.

Fin-nuqqas se jittieħdu passi ulterjuri kontra tiegħek.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Dan l-att qiegħed isir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż.

Notifika: Elmo Insurance Agency - Triq Abate Rigard, Msida XBX 1111.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By meansof a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 2nd April 2012, in the records of the judicial letter in the names Thomas Callus vs Wilfred Sciberras, letter number 3575/11, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 4th November 2011

To Wildred Sciberras of 67, Triq Idmejda, Balzan.

By the present, Thomas Callus, of 118, Dew Drops, Triq San Filippu, Għaxaq, holder of identity card number 208769(M) and Vittorio Portelli, in the first place refer to the street accident which occurred on the 19th February 2011, in Triq Ħal Far, Ħal Far, when you were driving the vehicle with registration number IBA-096, of the type Hyundai Accent.

That in the second place, it results that whilst you were doing a driving manoevre, due to carelessness, negligence, and lack of observance of the traffic regulations you collided into the car of the interpellant, registration number DAI -596 of the type KIA Avella as as a consequence you caused the incident in question for which incident you were solely responsible.

That as a cause of this incident the interpellant's car suffered heavy damages and was certified as a 'total loss' as well as the interpellant Thomas Callus, suffered injuries of a grievous nature and as a consequence the interpellant spent some time under care and as a consequence could not go to work.

You are thus called upon to come forward to the liquidation and payment of damages suffered and which the interpellant may suffer.

In default further steps shall be taken against you.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves.

This deed is being made for all intents and purposes of law.

With costs.

Notify: Elmo Insurance Agency - Triq Abate Rigard, Msida XBX 1111.

Registry of the Superior Courts, today 12th June 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1050

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Marzu 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba, fis-7 ta' Frar 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Paul Xerri (K.I. 86271M) ta' 80, Mon Reve, Flat 2, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €456.44 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 93/12VG2) hija differita għall-20 ta' Ġunju 2012 f'12.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 30th March 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 7th February 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Paul Xerri (I.D. 86271M) of 80, Mon Reve, Flat 2, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €456.44 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 93/12VG2) is put off on the 20th June 2012 at 12.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1051

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Mejju 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Menshova Natalia vs Asciak Ralph, rikors numru 325/2012 JA, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Natalia Menshova K.I. 18943A vs Ralph Asciak, fid-29 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti Natalia Menshova K.I. 18943A, talbet l-intimat jgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat ikkometta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 535(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta meta bidel is-serratura tal-fond numru 8, Harbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Natalia Menshova, 8, Harbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar.

Intimat: Ralph Asciak, Flat 6, House 111, St. Lucia Street, Valletta.

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 21st May 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Menshova Natalia vs Asciak Ralph, application number 325/2012 JA, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Natalia Menshova I.D. 18943A vs Ralph Asciak on the 29th March 2012, the applicant Natalia Menshova I.D. 18943A, asked the respondent to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the respondent committed a violent and clandestine spoiliation in regard to the applicant in terms of Article 535 (1) of Cap. 16 of the Laws of Malta, when he changed the lock of the premises number 8, Harbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar and uphold the other demands in the application.

With costs, against the respondent from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: Natalia Menshova, 8, Harbux Farmhouse, Triq Santa Klara, Naxxar.

Respondent: Ralph Asciak, Flat 6, House 111, St. Lucia Street, Valletta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Menshova Natalia vs Asciak Ralph, rikors numru 325/2012 JA, jinsab differit għat-18 ta' Ġunju 2012, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the names Menshova Natalia vs Asciak Ralph, application number 325/2012 JA, has been put off for hearing to the 18th June 2012, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12 th June 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1052

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Mejju 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Farsons Beverage Imports Company Limited (C476) ta' The Brewery, Mrieħel, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Marzu 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Albert Borg (K.I. 838147M) ta' Qawra Inn Hotel, Rm 600, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u Palm Court Limited (C-2677) ta' Triq ir-Rizzi, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,907.36 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 266/12YMS) hija differita għall-20 ta' Ġunju 2012 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 17th May 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Farsons Beverage Imports Company Limited (C476) of The Brewery, Mrieħel, filed a Claim on the 28th March 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Albert Borg (I.D. 838147M) of Qawra Inn Hotel, Rm 600, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar and Pawl Court Limited (C-2677) of Triq ir-Rizzi, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €2,907.36 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 266/12YMS) is put off on the 20th June 2012 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1053

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-18 ta' Mejju 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Consiglio Nicolai et vs Aubrey Lesley Mary, rikors numru 261/2012 FS, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Nicolai Consiglio (K.I. 207177M) flimkien ma' martu Graziella Consiglio K.I. 474275(M) għal kull interess li jista' jkollha vs Lesley Mary Aubrey (K.I. 37237A) fid-9 ta' Marzu 2012, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-istess konvenuta unikament responsabbli għall-inċident stradali imsemmi fir-rikors li seħħ fis-7 ta' Mejju 2010, f'Hemsija By Pass, Rabat, bejn il-vettura tal-attur mutur Honda GAC 695 u l-vetttura AUDI GBC 695, u għad-danni li soffra l-attur, tillikwida l-istess danni u

By means of a decree, given by the Civil Court First Hall, on the 18th May 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Consiglio Nicolai et vs Aubrey Lesley Mary, application number 261/ 2012 FS, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Nicolai Consiglio (I.D. 207177M) together with his wife Graziella Consiglio (I.D. 474275(M) for any interest she may have vs Lesley Mary Aubrey (I.D. 37237(A) on the 9th March 2012, the plaintiff asked this Honourable Court:

1. To declare the defendant solely responsible for the street accident mentioned in the application which occurred on the 7th May 2010, in Hemsija By Pass, Rabat, between the vehicle of the plaintiff, motorcycle Honda GAC 695 and the vehicle AUDI GBC 695 and the damages, the plaintiff

tikkundanna l-konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż ...omissis... kontra l-konvenuta inġunta in subizzjoni.

Attur: Springvale, Flat 2, Triq Ħali, Żebbuġ, ŻBG 3109.

Konvenuta: 49, Triq Mamo, Żebbuġ, ŻBG 2406.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Consiglio Nicolai et vs Aubrey Lesley Mary, rikors numru 261/2012 FS, jinsab differit għas-smigħ għat-2 ta' Lulju 2012, fl-10.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2012, fl-10.15 a.m.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

suffered, liquidate the same damages and condemn the defendant to pay the plaintiff the damages so liquidated.

With costs ...omissis... against the defendant summoned so that a reference to her evidence be made.

Applicant: Springvale, Flat 2, Triq Ħali, Żebbuġ, ŻBG 3109.

Defendant: 49, Triq Mamo, Żebbuġ, ŻBG 2406.

The Sworn Application in the names Consiglio Nicolai et vs Aubrey Lesley Mary, application number 261/2012 FS, has been put off for hearing to the 2nd July 2012, at 10.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th June 2012, at 10.15 a.m.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1054

B'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2012 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Lombard Bank Malta plc (C1607), fis-6 ta' Ġunju, 2012, qed tintalab tpaċija tal-atti msemmija għall-ammont ta' €96,762.37 wara l-bejgħ bl-irkant 67/11 fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc (C1607) vs Stephen Zammit miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2012.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 12 ta' Ġunju, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 11th June, 2012, given by the First Hall Civil Court, the court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Lombard Bank Malta plc (C1607) the 6th June, 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €97,762.37 following the judicial sale by auction 67/11 in the names Lombard Bank Malta plc (C 1607) vs Stephen Zammit held under the Authority of the said Court on the 31st May, 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale and alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 12th June, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1055

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Marzu 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fis-7 ta' Frar 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Claire Demanuele (K.I. 509673M) ta' 59A, Triq Sant'Antnin Abbati, Mosta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,008.11 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 103/12VG2) hija differita għall-20 ta' Ġunju 2012 f'12.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 30th March 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 7th February 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Claire Demanuele (I.D. 509673M) of 59A, Triq Sant'Antnin Abbati, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of €1,008.11 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 103/12VG2) is put off on the 20th June 2012 at 12.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1056

B'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2012 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Paul Tonna Son of Santu Limited (C11813), fis-6 ta' Ġunju, 2012, qed tintalab tpaċija tal-atti msemmija għall-ammont ta' €17,100 wara l-bejgħ bl-irkant 33/10 fl-ismijiet Paul Tonna Son of Santu Limited (C11813) vs Paul Fenech miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2012.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 12 ta' Ġunju, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 11th June, 2012, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Paul Tonna Son of Santu Limited (C11813) the 6th June, 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €17,100 following the judicial sale by auction 33/10 in the names Paul Tonna Son of Santu Limited (C11813) vs Paul Fenech held under the Authority of the said Court on the 31st May, 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale and alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 12th June, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1057

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' Mejju 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Progress Press Co Limited (C309) ta' Strickland House, 341, St Paul Street, Valletta, ippreżentaw Talba, fid-9 ta' Marzu 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Josie Bugelli ta' 65, Triq il-Bormla, Żabbar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,219.10 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 201/12YMS) hija differita għas-26 ta' Ġunju 2012 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 2nd May 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Progress Press Co Limited (C309) of Strickland House, 341, St Paul Street, Valletta filed a Claim on the 9th March 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Josie Bugelli of 65, Triq il-Bormla, Żabbar, to pay the plaintiff company the sum of €3,219.10 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 201/12VG2) is put off on the 26th June 2012 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1058

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Josef Borg (K.I. 362987M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru 130/12 AL) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Declan Abela bin-numru 2032/2010 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 12 ta' Ġunju, 2012

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Josef Borg (I.D. 362987M) filed an application under oath (No. 130/12 AL) demanding CORRECTIONS the ACT OF BIRTH of the minor Declan Abela number 2032/2010 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 12th June, 2012

RITA MANGION
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1059

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Lorraine Pulis Borg (K.I. 484876(M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 132/12 AL) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Javier Pulis Borg bin-numru 2901/2009 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 12 ta' Gunju, 2012

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Lorraine Pulis Borg (I.D. 484876(M) filed an application under oath (No. 132/12 AL) demanding CORRECTIONS the ACT OF BIRTH of the minor Javier Pulis Borg number 2901/2009 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 12h June, 2012

RITA MANGION
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1060

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Mejju 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Irene Gravina bħala kuratriċi 'ad litem' ta' binha minuri Anthony Khalifa vs Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku et noe, rikors numru 105/2010 AL ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Irene Gravina bħala kuratriċi 'ad litem' ta' binha minuri…omissis…nominata b' digriet tat-30 ta' Marzu 2010 vs Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Emanuel Farrugia u Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jidhru għal Khodor Khalifa li mhux magħruf għadux Malta, fl-24 ta' Marzu 2010, ir-rikorrenti Irene Gravina K.I. 305274(M) talbet l-intimati jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li Khodor Khalifa mhux il-missier tal-minuri…omissis…, tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri …omissis…huwa Emanuel Farrugia u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Notifika: Emanuel Farrugia, Joe's Flat 4, Triq Zaren Dalli, B'Bugia.

